MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Numru. 468/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Jason Pace**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Jason Pace** ta' 31 sena, bin Emanuel u Rita *nee'* Gulia mwieled Kanada fit-8 ta' Jannar, 1975, residenti 'St. Mary, Triq id-Dghajjes, Paola, detentur tal-karta tal-identita' numru 69791M;

Talli f'Mejju, 2006 u fis-snin imedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, appropjajt ruhek, billi

dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib tieghu obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' hadt is-somma ta' aktar minn Lm2500 minn bejgh ta' vettura, liema flus kienu jappartjenu lil joseph Camilleri ai termini tal-artikoli 18 u 293 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Stante li l-avukat generali ma tax il-kunsens tieghu ghas-smiegh tal-kaz bil-procedura sommarja, l-Qorti ipposponiet il-kumpilazzjoni u wara li tat zmien sufficjenti, l-imputat rega ikkonferma l-ammissjoni tieghu;

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni. Bl-ammissjoni ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 18 u 293 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Wara li l-imputat ikkonferma li dispost joqghod taht kundizzjonijiet fil-kaz li jkun liberat.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-art. 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------